MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2009

Numru. 884/2003

**IL-PULIZIJA
SUPRITENDENT CARMELO BARTOLO
SPETTUR ALFRED MALLIA**

**KONTRA**

**JOSEPH CIOFFI
RODERICK CIOFFI
FRANCIS CARUANA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **JOSEPH CIOFFI,** ta' 29 sena, iben Angelo u Doris nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar id-9 ta' Marzu, 1979, residenti fil-fond St Mary House, Triq il-Fabbriki, Xghajra, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 221579M;

**RODERICK CIOFFI**, ta' 31 sena, iben Angelo u Doris nee' Camilleri, imwieled Tal-Pieta' nhar il-5 ta' Dicembru, 1977, residenti fil-fond St Mary House, Triq il-Fabbriki, Xghajra, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 9578M;
U **FRANCIS CARUANA**, ta' 29 sena, iben Victor u Jane nee' Cassar, imwieled Tal-Pieta' nhar is-16 ta' Jannar, 1979, residenti fil-fond numru 36, Triq il-Vitorja, Isla, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 112079M, li gew akkuzati talli:

1. Nhar il-5 ta' Marzu, 2001, ghall-habta tas-2.30 ta' wara nofsinhar, waqt li kienu l-Kalkara, ikkommettew serq ta' oggetti, aggravat bil-vjolenza, hin, mezz u bil-valur li jiskorri l-elf lira Maltin (Lm1,000.00), u li sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (Lm500.00), imma izjed minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), u li saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli fl-istess data, u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew ejekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu sabiex ibieghhuhom jew imexxuhom;

U fl-ahharnett lil **JOSEPH CIOFFI WAHDU**, talli:

4. Fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li b'sentenza tal-Qorti datata 19 ta' Lulju, 1999 gie moghti l-Liberta' Provizorja li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt(3) snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat li fl-istadju tal-interrogatorju l-imputati wiegbu kollha li ma kinux hatja ta' l-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema hemm mahsub li tista' tinsab htija, u cioe', **FIL-KONFRONT TA' JOSEPH CIOFFI**:
a. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Arikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali;
d. Fl-Artikoli 21, 22, u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

U **FIL-KONFRONT TA' RODERICK CIOFFI U FRANCIS CARUANA**:
a. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Arikolu 325 tal-Kodici Kriminali;
c. Fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali.

Rat ukoll illi l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 116);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija dwar serqa li allegatament saret mill-fond Rascola, Ricasoli Industrial Estate, Kalkara. Fuq dan is-serq fil-fatt saret Inkjesta Magisterjali mill-Magistrat Dr Joseph Cassar. Fil-fatt mill-istess inkjesta jidher li hemm konstatat ir-res furtiva, cioe' bcejjecd ta' sheets ta' foam, pjanta redatta mill-Perit Richard Aquilina ta' dak li kkonstata fis-sit tas-serqa. Mill-istess relazzjoni jirrizulta wkoll li t-tliet ko-akkuzati ghazlu li jixhdu bil-gurament quddiem il-Perit imsemmi. Barra minn hekk hemm ezebiti tliet stqarrijiet li kull imputat ghazel li jirrilaxxa fl-istadju tal-interrogazzjoni.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghid dak li hu legalment ovvju, u cioe' li kull konfessjoni (stqarrija) li kull ko-akkuzat ghazel

li jirrilaxxa taghmel prova biss fil-konfront ta’ min irrilaxxaha.

Pero harsa lejn kull stqarrija, gia’ ezebita (folio 71 – 81) tal-proces verbal hemm ammissjoni ta’ kull akkuzat involut f’dan l-allegat serq u l-modus operandi adoperat bhal per ezempju l-kiri ta’ vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAE 202, dan minghand certu Francis Xuereb dirigenti tal-kumpanija FX Garage, Dejma Road, Tarxien. Fil-fatt mill-istqarrija ta’ Joseph Cioffi, jirrizulta li hu flimkien ma’ terz kienu marru biex jikru dan il-van imsemmi minghand l-FX Garage (folio 77). Dan il-van fil-fatt inkera biex jintuza f’din is-serqa.

Ghalhbekk jirrizulta ampjament li t-tliet ko-akkuzati bi ftehim bejniethom marru fuq il-post suggett tas-serq. Hemm dahlu fil-fond imsemmi u lahqu sakemm gew disturbati mill-pulizija, hargu ammont kbir ta’ foam mill-fabbrika msemmija. Parti mill-foam gia’ kien ippustjat gol-vettura mikrija, parti l-iehor kien gie maghluq barra mis-sit kif anke jidher mir-ritratti Q ANP PG 8, 9, 10, a folio 10, 28, 28 terga’, 29 tal-proces verbal.

Fil-fatt ghandu wkoll jinghad f’dan l-istadju li xehed PC 1165 Manuel Sciberras (folio 78 – 81) li mar flimkien ma’ shabu fuq is-sit lok tas-serqa, flimkien ma’ pulizija ohra, hemm ra xi nies iwaddbu saqqijiet minn go tieqa. Grew wara dawn il-persuni, fuq il-blat fl-akkwati ta’ l-istess fabbrika misruqa. Fil-fatt xehed li go ghar vicin sab mohbija lill-akkuzat Caruana u lil Roderick Cioffi. Irrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Carmelo Bartolo u l-Ispettur Alfred Mallia, li aktar tard gie arrestat anke l-ko-akkuzat l-iehor Joseph Cioffi. Anke Joseph Cioffi fl-istqarrija tieghu ammetta l-involviment tieghu f’din is-serqa.

Illi a priori din il-Qorti tista’ fil-fatt tiddikkjara li ma ghandha ebda dubju li t-tliet ko-akkuzati kienu kollha nvoluti fis-serqa li sehhet fis-sit imsemmji (enfasi tal-Qorti).

Issa fil-kors tas-smiegh ta’ din il-kawza, din il-Qorti giet a konjizzjoni ta’ azzjoni irresponsabbilta’ a mano ta’ esperti nominate mill-Qorti fil-kors ta’ l-inkjesta.

Jirrizulta li mill-atti tal-Inkjesta Magisterjali, illi wara li l-Magistrat Inkwirenti gie mgharraf b'sejba ta' demm imcappas fuq bicca, is-sit tas-serqa, li huwa nnomina lil Robert Cardona quo serologista. Dan jidher minn nomina a folio 7 ta' l-atti ta' l-inkjesta.

Nonostante tali nomina, gie pprezentat raport konguntiv miz-zewg serologisti, ghalhekk barra dak li kellu jkun redatt minn Robert Cardona, ir-relazzjoni presentata kienu wahda bejn it-tnejn.

Din il-Qorti fil-fatt hija aktar perplessa minn dak li xehed l-Ispetturr Carmelo Bartolo (illum Supritendent), u Dr Mario Scerri a kuntrast ta' dak li xehed Robert Cardona.

L-Ispettur Carmelo Bartolo kkonferma li darba li nstab id-demm fis-sit kien fil-fatt (barra s-serologista Robert Cardona) gie nominat ukoll Dr Mario Scerri. Tali nomina anke giet ben konfermata mill-istess Dr Mario Scerri. Ghalhekk hu acceda fl-ufficju tasl-Ispettur Bartolo u hemm, wara li ha l-kunsens ta' Joseph Cioffi u Francis Caruana, f'okkazjoni wahda ha l-kampjuni ta' demm ta' Joseph Cioffi. Dan qal li kien l-inkarigu lilu moghti mill-Magistrat Inkwirenti. Dr Scerri qal li dawn il-kampjuni ta' demm ghaddiehom lis-serologista Chris Farrugia, gia gie stabbilit li tali ma kienx nominat. Dr Scerri qal ukoll fuq mistoqsija tal-Qorti li hu kien sar jaf bin-nomina tieghu minghand l-Ispettur Carmelo Bartolo.

Senjalament din il-Qorti gibdet l-attenzjoni lill-partijiet, wara li semghet ix-xhieda ta' Dr Scerri, illi minn imkien mill-Inkjesta ma tirrizulta n-nomina ta' Dr Mario Scerri.

Minn naha tieghu Dr Mario Scerri xehed ukoll illi hu kien ghadda d-demm ta' l-akkuzati lil Chris Farrugia, fatt dan pero negat minn dan is-serologista. Senjalenti ukoll il-fatt li fir-relazzjoni taghhom kemm Cardona kif ukoll Farrugia prezentaw nota biss li turi li qatt ma rcevew ezebiti biex jezaminaw l-istess.

Illi in kwantu dan in-nuqqas ta’ ftehiem bejn l-esperti msemmija u n-nuqqas ta’ nomina ta’ Dr Mario Scerri, din il-Qorti ghalhekk ma accettatx li r-rapport ta’ Dr Mario Scerri jigi prezentat u jaghmel parti mill-atti processwali.

Punt iehor li ressqet id-Difiza li minn imkien mill-atti ma tirrizulta l-provenjenza tas-sit jew ahjar lil min jappartjeni s-sit misruq. Dan huwa punt li certament il-Qorti ma taqbilx mieghu. Gia’ kien jirrizulta mix-xhieda ta’ l-Ispettur Bartolo li din il-proprjeta’ kienet appartenenti lill-Qorti (allura lill-Gvern). Vera li ma jirrizultax kif tali proprjeta’ ghaddiet ghand il-Gvern, pero jirrizulta ukoll minn konstatazzjoni li ghamel il-Perit Aquilina (a folio 62 DOK PV), li l-fabbrika msakkra kienet fil-fatt giet miftuha mill-Marixxall Carmelo Camilleri.

Illi certament il-kontenut tal-fabbrika Ricasoli zgur li ma kienx jappartjeni lil wiehed jew aktar mill-imputati, jirrizulta ben sew mill-istqarrija taghhom li kull wiehed minnhom kien jaf li ser imur gol-fabbrika msemmija biex jisraq il-foam. Illi ghalhekk anke jekk il-Qorti taccetta li ma hemm prova li l-proprjeta’ kienet tappartjeni lill-Gvern, pero li l-Qorti pero kienet xorta soggetta ghal azzjoni ta’ serq minn naha ta’ l-imputati.

Id-Difiza wkoll ikkontendiet li ma jistax ikun hemm aggravju tal-valur stante li ebda valur ma nghata lill-foam in kwistjoni. Dan huwa ghal kollox vera. Illi fil-fatt minn imkien mill-atti ma jirrizulta li l-ammont misruq gie b’xi mod kwantifikat jew anke li nhatar xi espert ghal dan l-iskop. Li rrizulta biss kien l-ammont ta’ foam li fil-fatt insteraq, cioe’ mija u tmienja u tletin(138) bicca.

Illi detto tutto cio’, u cioe’ illi ma gie mahtur ebda espert ghal valutazzjoni, xorta tqis din il-Qorti li ma tridx ikollok xi sengha u hila ta’ espert biex taf li l-ammont ta’ foam involut f’din l-allegat serqa jeccedi l-mitt lira Maltin. Attwalment kull ma wiehed jinhtieg li sapjenza necessarja ta’ dak li qieghed jigri fis-suq tal-lum.

Illi rat ukolll is-sentenza ezebita a folio 98 – 99 kontra Joseph Cioffi, datata 19/07/1999 li hi *conditional*

*discharge* ghal tlitt snin. Rat li a folio 105 id-Difiza ezentat li l-Prosekuzzjoni mill-prova ta' l-identita' ta' l-istess sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza, tqis li fil-fatt it-tliet imputati, u cioe' JOSEPH CIOFFI, RODERICK CIOFFI, U FRANCIS CARUANA, huma hatja ta' serq wara li rat l-Artikoli hawn imsemmija, u cioe':
a. Fl-Artikoli 261(a)(b)(c)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 267, 270, 276, 277, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodici Kriminali.

Fil-konfront ta' Joseph Cioffi wahda rat ukoll l-Artikoli 21, 22, 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda in kwantu ta' hekk tikkudanna lil Joseph Cioffi ghal piena karcerarja ta' tmintax(18)-il xahar, dan anke wara li rat l-Arikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, anke tenut kont tal-fatt illi harsa lejn il-fedina penali turi li anke wara Ordni ta' Probation inghata sentenza sospiza fuq attentat ta' serq.

Fil-konfront ta' Roderick Cioffi u ta' Francis Caruana, il-Qorti wara li rat il-fedina penali qieghda tikkudannahom ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza hgal sentejn(2) wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda wkoll b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputati s-somma ta' mitejn u sittin Ewro, u dsatax-il Ewro centezmi (€260.19) ta' spejjez peritali fi zmien xahar mill-lum.

Qieghda tilliberahom mir-reat taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu dan certament kien wiehed dedott alternattivament. Tilliberahom ukoll mill-effetti tar-reat taht l-Artikolu 325 in kwantu certament ghalkemm gew misjuba certi danni go fabbrika abbandunata mhux car l-ammont ta' danni li saru.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------